MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 150/2007

**Ivan Calleja (K.I. 94072M) bhala azzjonista u direttur tas-socjeta` M.I.M.S. Supplies Limited (C25336)**

***kontra***

**M.I.M.S. Supplies Limited (C25336)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fit-<u>8 ta` Frar 2007</u> li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti huwa wiehed miz-zewg azzjonisti tas-socjeta` M.I.M.S. Supplies Limited (C25336) [aktar `l isfel imsejha "s-socjeta`"] u ghandu partecipazzjoni komplessiva ta` hamsin fil-mija (50%) tal-ishma kollha tas-socjeta` skont il-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta` [hawn anness u mmarat Dok. A] ;*

*2. Illi inoltre r-rikorrent huwa wiehed miz-zewg diretturi appuntati fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta` skont l-istess Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta` [Dok. A] ;*

*3. Illi l-hamsin fil-mija (50%) tal-ishma l-ohra fis-Socjeta` huma proprjeta` tas-socjeta` Prinz International Limited (C20531) ta` liema Michael Baldacchino huwa l-uniku azzjonista u direttur ;*

*4. Illi Michael Baldacchino huwa d-direttur l-iehor appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta` ;*

*5, Illi sa mill-inkorporazzjoni tas-Socjeta` fil-21 ta` Ottubru 1999 l-unika responsabbilita` tar-rikorrent kienet illi jiddistribwixxi l-prodotti tas-Socjeta` fis-suq, filwaqt illi Michael Baldacchino kien il-persuna responsabbli ghall-amministrazzjoni*

*tas-Socjeta` liema responsabilitajiet kienu jinkludu n-negozjati mal-banek u mal-fornituri tas-Socjeta`, il-marketing, u l-koordinazzjoni tal-finanzi kemm mal-accountants u mal-awdituri tas-Socjeta`*

*6. Illi fid-dawl tal-fatt illi s-Socjeta` kienet ilha zmien ma topera fil-qasam kummercjali taghha tad-distribuzzjoni ta` prodotti ta` ikel, helu u xorb, ma kienx hemm skop sabiex din tibqa` registrata fir-Registru tal-Kumpanniji ta` Malta, wara illi jkun inghalaq il-perjodu ta` `running off` tal-kummerc gja ezistenti ;*

*7. Illi ghalhekk ir-rikorrent permezz ta` ittra datata 23 ta` Marzu 2006 u ndirizzata lid-direttur l-iehor tas-Socjeta`, Michael Baldacchino talab fost l-ohrajn illi jigu provduti lilu "statement of affairs of the company showing us assets, debts and liabilities" sabiex ir-rikorrent ikun jista` jevalwa bir-reqqa s-sitwazzjoni tas-Socjeta` [l-ittra hija hawn annessa u mmarkata Dok. B] ;*

*8. Illi kontestwalment ma` din l-ittra u ghall-istess skop, ir-rikorrent permezz ta` ittra ohra ndirizzata lil John Abela, tad-ditta tal-accountants u awdituri Horwath (Malta), talab illi jigu mghoddija lilu "(i) financial statements for 2005, (ii) management accounts to date u (iii) list of creditors and debtors of the company" [ittra hawn annessa u mmarkata Dok. C] ;*

*9. Illi madankollu r-rikorrent ma rceviex risposta la minghand Michael Baldacchino u lanqas minghand l-awditur John Abela u l-informazzjoni baqghet ma gietx mghoddija lir-rikorrent kif rikjest permezz tal-imsemmija ittri ;*

*10. Illi di konsegwenza r-rikorrent permezz ta` ittra datata 5 ta` April 2006 rega` nterpella lid-ditta tal-awdituri sabiex jghaddulu l-informazzjoni finanzjarja rikjesta ai termini tal-Artikolu 163 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta [ittra hawn annessa u mmarkata Dok. D] u kontestwalment interpella wkoll lid-direttur l-iehor Michael Baldacchino permezz ta` ittra ohra sabiex jghaddilu l-informazzjoni finanzjarja tas-Socjeta` [ittra hawn annessa u mmarkata Dok. E] ;*

*11. Illi inoltre fl-ittra mmarkata Dok. E, ir-rikorrent talab ikun jaf minghand Michael Baldacchino kif jixtieq illi jipprocedi sabiex tigi terminata r-relazzjoni kummercjali ezistenti ta` bejniethom, wara illi precedentement Michael Baldacchino kien wera x-xewqa illi s-Socjeta` ma tigix xolta u jghaqqadha mal-kumpannija l-ohra tieghu u fin-nuqqas illi r-rikorrenti jircievi tali proposti jghaddu sabiex jaghtu bidu ghall-proceduri ta` likwidazzjoni u stralc konsegwenzjali tas-Socjeta` ;*

*12. Illi sussegwentement ghal dawn l-ittri, u minghajr ma r-rikorrent ircieva l-informazzjoni rikjesta, is-socjeta` Prinz International Limited (C20531) ta` liema Michael Baldacchino (direttur tas-Socjeta`) huwa l-uniku azzjonista u direttur infurmat lir-rikorrenti permezz ta` ittra datata 7 ta` Awwissu 2006 [hawn annessa u mmarkata Dok. F] illi hija kreditrici tas-Socjeta` fl-ammont ta` mitejn u wiehed u erbghin elf, seba` mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm 241,728.56) ;*

*13. Illi inoltre fl-istess ittra mibghuta mill-Avv. Noel Bartolo ghan-nom tas-Socjeta` Prinz International Limited (C20531) [Dok. F], ir-rikorrenti gie nfurmat ghall-ewwel darba illi s-Socjeta` "ghandha debiti sostanzjali ohra fil-konfront ta` kredituri ohra u ghalhekk m`hiex f`qaghda li thallas id-debiti kollha taghha" ;*

*14. Illi minbarra l-fatt illi r-rikorrent kien jistenna illi din l-informazzjoni importanti tinghata lilu, tempestivament u cioe` fiz-zmien illi beda jakkumula l-allegat debitu, minghand Michael Baldacchino qua direttur, u l-persuna responsabbli ghall-amministrazzjoni tas-Socjeta` kif aktar `il fuq deskritt, ir-rikorrent kien ferm sorpriz bil-kontenut tal-ittra [Dok. F] stante illi din kienet l-ewwel darba illi sar jaf bil-krediti vantati minn kredituri tas-Socjeta`, fosthom il-kumpannija tal-istess Michael Baldacchino, Prinz International Limited (C20531) u dan fid-dawl tal-fatt illi dawn id-debiti lil terzi ma jirrizultawx mill-ahhar audited accounts tas-Socjeta` oltre ghall-fatt illi sussegwentement dawn baqghu ma gewx sostanzjati fil-laqghat tal-Bord tad-Diretturi aktar `l isfel menzjonati ;*

*15. Illi kuntrarjament ghal dak allegat minn Michael Baldacchino u s-socjeta` tieghu Prinz International Limited, is-Socjeta` hija effettivament kreditrici tal-kumpannija Prinz International Limited fid-dawl tad-danni konsiderevoli illi s-Socjeta` soffriet minhabba merkanzija difettuza u mhux konformi mal-ligi illi dina ssupplixxiet lis-Socjeta`, bil-konsegwenza illi l-problemi kbar illi kellha l-kumpannija Prinz International Limited ghaddew ingustament ghal fuq is-Socjeta` ;*

*16. Illi fil-frattemp, id-ditta ta` accountants Horwarth (Malta) li jiehdu hsieb il-kotba tas-Socjeta` nfurmaw lir-rikorrent illi kienu rcevew struzzjonijiet precizi minghand Michael Baldacchino sabiex ma jghaddu l-ebda informazzjoni illi tirrigwarda s-Socjeta`, lir-rikorrenti ;*

*17. Illi johrog car minn dak fuq espost illi kien hemm u ghad hemm kunflitt kbir ta` interess fil-kummerc imhaddan minn Michael Baldacchino tramite s-Socjeta` ta` liema r-rikorrenti huwa wkoll azzjonist u direttur u l-kumpannija interament proprjeta` ta` Michael Baldacchino, Prinz International Limited ;*

*18. Illi dan l-agir abbusiv da parti ta` Michael Baldacchino, kien u ghadu jilledi d-drittijiet tar-rikorrent fil-vesti tieghu ta` azzjonist u direttur tas-Socjeta` ;*

*19. Illi fic-cirkostanzi, u sabiex is-sitwazzjoni ma tibqax taggrava ruhha, ir-rikorrent talab illi fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata tissejjah laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta` sabiex tigi diskussa fid-dettal is-sitwazzjoni finanzjarja u l-eventwali likwidazzjoni tas-Socjeta`, permezz tal-ittra datata 6 ta` Novembru 2006 [hawn annessa u mmarkata Dok. G] ;*

*20. Illi minn dakinhar sat-18 ta` Jannar 2007 saru tliet laqghat mal-Bord tad-Diretturi bil-ghan illi jintlahaq ftehim ta` kif ghandhom jipprocedu u ta` kif ghandha tigi likwidata s-Socjeta`, izda ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet ;*

*21. Illi fid-dawl tal-fatt illi sal-lum ir-rikorrent ghad m`ghandux f`idejh l-informazzjoni dettaljata dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tas-Socjeta`, minkejja d-diversi nterpellazzjonijiet maghmula, u kif ukoll fid-dawl tal-agir abbusiv ta` Michael Baldaccchino u l-kunflitt ta` interessi lampanti illi ghandu l-istess Michael Baldacchino, ir-rikorrenti gie f`sitwazzjoni fejn m`ghandu l-ebda kontroll effettiv fuq is-Socjeta` u jista` biss jirrikorri permezz tar-rikors de quo ghax-xoljiment u l-istralc taghha ;*

*22. Illi barra minn hekk ir-rikorrent prezentement m`ghandux access ghall-ufficcju registrat tas-Socjeta`, stante illi din hija proprjeta` tal-familja ta` Michael Baldacchino u kif ukoll l-ufficcju registrat tal-kumpannija Prinz International Limited, liema fatti jikkontribwixxu negattivament fuq il-kontroll illi r-rikorrent suppost ghandu d-dritt illi jezercita fuq is-Socjeta` ;*

*23. Illi stante illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed ghax-xoljiment u konsegwentement l-istralc tas-Socjeta` huwa sottomess bir-rispett illi s-Socjeta` ghandha tigi xolta ai termini tas-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

***<u>Talbiet</u>***

*Ghalhekk, abbazi tas-suespost, u ta` provi u sottomissjonijiet ulterjuri li jingiebu waqt is-smigh tar-rikors, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti ghandha :-*

*(i) tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` M.I.M.S. Supplies Limited li ghandu jsir minn din l-Onorabbli Qorti, skont is-sub-paragrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*(ii) tahtar, stralcjarju ghas-socjeta` M.I.M.S. Supplies Limited ; u*

*(iii) taghti, ai termini tal-Artikolu 219 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta, dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa jew necessarji waqt l-andament tal-proceduri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-riukors promotorju.

Rat ir-risposta prezentata fid-9 ta` Marzu 2007 li taqra hekk –

*1) In-nuqqas ta` interess guridiku tar-rikorrent li jistitwixxi r-rikors de quo fit-termini tal-proviso tal-artikolu 218(1) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta u kwindi s-socjeta` eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent ;*

*2) In-nuqqas ta` integrita` ta` gudizzju u l-importanza tal-prezenza kemm ta` Michael Baldacchino bhala direttur u kif ukoll tas-socju l-iehor ossia Prinz International Limited f`dawn il-proceduri liema prezenza hija necessarja tant li l-parti l-kbira tal-premessi tar-rikors odjern huma kostruwiti principalment fuq avvenimenti u cirkostanzi li jirrigwardaw lil dawn iz-zewg persuni ;*

*3) Illi Ivan Calleja, fir-rikors tieghu, qed jipprova jipprogetta kwadru fejn ipitter lilu nnifsu bhala l-vittma fic-cirkostanzi, meta fil-verita`, kif ser jigi ampjament ippruvat, fil-kors tas-smigh ta` dawn il-proceduri l-imsemmi Ivan Calleja kien pjenament konsapevoli tal-istat finanazjarju tas-socjeta` eccipjenti u li l-istess socjeta`*

*spiccat fi stat prekarju proprju minhabba l-istil ezotiku li bih huwa mexxa lill-kumpannija biex jissodisfa l-pjaciri personali tieghu ;*

*4) Illi kull aggravju u sottomissjoni li qed iressaq ir-rikorrent fir-rikors tieghu huwa biss intiz biex jahbi l-mod irresponsabbli u xejn ortodoss ta` kif nefaq il-fondi tal-kumpannija flok fl-interess taghha, fl-interess tieghu personali ;*

*5) Illi ghalhekk ghandu jirrizulta fil-perkors tat-trattazzjoni tal-kawza illi t-talba ghall-istralc tal-kumpannija maghmula mir-rikorrenti hija ntiza biss bhala manuvra biex jeludi r-responsabbilita` tieghu bhala direttur tal-istess kumpannija u li dwarha huwa ser ikollu jwiegeb personalment ghad-danni f`kawza u mandati kawtelatorji opportuni illi ser jigu ntavolati mminentement kontra tieghu personali ;*

*6) Illi ghalhekk l-esponenti qieghda topponi ruhha f`dan l-istadju li jsir l-istralc qabel ma tigi determinata r-responsabbilta` personali tar-rikorrent u dan ghall-ahjar stradament tal-eventwali stralc tal-kumpannija, jekk ikun il-kaz, u kif ukoll anke ghall-ahjar protezzjoni tal-azzjonisti kollha fil-kumpannija ;*

*7) Illi ghal bqija b`mod generiku l-esponenti filwaqt illi tirribatti bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors promotur bhala nveritjieri u nfondati teccepixxi illi l-pretensjonijiet kollha dedotti fl-istess rikors huma wkoll ghal kollox privi minn kull fundament guridiku u fattwali*

*8) Illi ghalhekk huwa manifestament car illi t-talbiet tar-rikorrent kontenuti fir-rikors sudett huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*GHALDAQSTANT, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, tichad in toto t-talbiet tar-rikorrent kontenuti fir-rikors sudett bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*SALVI jekk ikun il-kaz, risposti ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

*BL-ISPEJJEZ kollha kontra l-istess rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-intimata.

Rat id-dokumenti li pprezenta r-rikorrent flimkien man-nota tieghu tas-7 ta` Mejju 2007.

Rat id-digriet li din il-Qorti diversament presjeduta tat fit-8 ta` Mejju 2007 fejn innominat bhala espert lill-Av. Louis Cassar Pullicino sabiex jezamina t-talbiet attrici u r-risposta tal-intimata.

Rat illi l-gbir tal-provi sar kollu mill-espert.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta` Dicembru 2008 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent ghall-hatra ta` amministratur provvizorju tal-kumpannija ntimata.

Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta` Dicembru 2009 fejn cahdet it-talba tal-intimata ghas-soprasessjoni tal-kawza tal-lum pendenti l-esitu tal-kawza fl-ismijiet : *M.I.M.S. Supplies Limited vs Ivan Calleja (Rik. Gur. Nru. 10235/08 JRM).*

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-espert fis-26 ta` Jannar 2012, u li kkonferma bil-gurament fl-udjenza tas-26 ta` Marzu 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-atti li pprezenta l-espert flimkien mar-relazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta` Mejju 2013 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn waqt li d-difensur tar-rikorrent irrimetta ruhu ghar-rapport tal-espert, id-difensur tal-intimata talab li jipprezenta nota ta` osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet din it-talba u tat lill-intimata sal-10 ta` Gunju 2013 sabiex tipprezenta n-nota ta` osservazzjonijiet taghha.

Rat illi l-intimata baqghet ma pprezentatx nota ta` osservazzjonijiet.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-2 ta` Ottubru 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-20 ta` Jannar 2014.

Rat l-ordni tas-S.T. l-Onor. Prim` Imhallef skond l-Art 29(8) tal-Kap 12 tas-16 ta` Jannar 2014 fejn din il-kawza giet trasferita sabiex tkompli tinstema` u tigi deciza minn din il-Qorti hekk kif presjeduta.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Jannar 2014 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza. Fl-istess digriet, il-Qorti tat lill-partijiet zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tad-digriet sabiex jiddikjaraw permezz ta` nota presentata fir-registru bil-visto jew notifika tad-difensur tal-kontroparti jekk iridux jaghmlu sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm qabel il-Qorti kif presjeduita tghaddi ghas-sentenza.

Rat in-nota prezentata fis-6 ta` Frar 2014 fejn ir-rikorrent iddikjara li ma kellux sottomissjonijiet x`jaghmel.

Rat illi l-intimata baqghet ma pprezentatx nota.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Marzu 2014 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**Ir-rikorrent** xehed illi fil-bidu huwa kien impjegat bhala *sales manager* fil-kumpannija Prinz International Limited ("Prinz") ta` Michael Baldacchino. In segwitu hu u Baldacchino ftehmu li jsiru shab u ghalhekk saret il-kumpannija intimata ("MIMS") ; U bdew joperaw f`Ottobru 1999. Ix-xoghol tieghu kien li jiehu hsieb il-bejgh filwaqt li Baldacchino kellu jamministra l-kumpannija. MIMS kellha tkun *distribution company* billi tixtri x-xoghol minghand Prinz li din kienet iggib minn barra. MIMS kellha erba` salesmen ohra, minbarra r-rikorrent, u kienet tutilizza s-servizzi ta` Prinz bi hlas, bhall-impjegati, magazzinagg, u l-ufficcju. Dan l-ufficcju kien propjeta` ta` Baldacchino.

Kompla jixhed illi ghall-ewwel sentejn, skond ma kien ighidlu Baldacchino, il-kumpannija kienet sejra tajjeb, tant li fit-tielet sena kien impjegat Alex Muscat bhala manager biex idur s-salesmen individwali. Fl-2003, inqalghet problema bil-merkanzija li hadu minghand Prinz ghaliex l-bicca l-kbira tal-prodotti tal-ikel kellhom tiketti li ma kienux konformi mar-regoli tal-UE. Fil-fatt l-awtoritajiet issekwestraw u ssigillaw ix-xoghol minhabba din l-problema. Dan il-fatt kien daqqa ghall-kumpannija. Wiehed mill-prodotti maqbuda kien tad-ditta "Papadopoulus" li kienet timmanifattura gallettini u kienet tghodd ghal 75% tal-bejgh tal-kumpannija. In segwitu r-rikorrent u Baldacchino hadu decizjoni li dik il-merkanzija tigi spaccjata fis-suq b`dan illi Prinz kellha tirregolarizza l-posizzjoni taghha fir-rigward tat-tiketti. Pero` l-awtoritajiet xorta wahda hargu ordni biex jigu sekwestrati l-prodotti kollha fis-suq. Il-problema damet xi disa` xhur sakemm giet regolarizzata, izda kien hemm impatt negattiv fuq l-kumpannija. Tilfu l- impjegati, bejgh u dhul. F`dak il-perijodu l-bejgh tal-kumpannija waqa` b`xi 70%.

Stqarr illi wara dak il-perijodu, il-problemi komplew ghaliex kien hemm sidien tal-hwienet li ma riedux aktar prodotti tal-kumpannija. Ghalkemm wara ftit zmien il-problema naqqset, il-kumpannija qatt ma rega` giet lura ghal dak li kienet qabel. Kellha problemi finanzjarji u Baldacchino wara ftit zmien avvicina lir-rikorrent u qallu li kien hemm bzonn ta` finanzjament biex il-kumpannija timxi `l quddiem. Ir-rikorrent avvicina lil terzi biex jissellef xi flus u hekk sar. Wara r-rikorrent beda jinduna li Michael Baldacchino beda jiehu xi ditti minghand MIMS u jghaddihom lill-kumpannija Euro Health Limited, li huwa kien waqqaf mal-gharusa tieghu. Din il-persuna kienet involuta f`agenzija li tippromowvi l-prodotti ta` MIMS u tramite l-istess Baldacchino bdiet taghti l-inkarigu lil din l-agenzija biex tippromwovi l-prodotti taghha. Ghar-rikorrent l-ammonti mhallsa kienu eccessivi, anke tenut kont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija, u nnota wkoll li hafna minn dawn il-pagamenti ma kienux qed jidhru fil-kotba. Wara li r-rikorrent lmenta dwar din s-sitwazzjoni, Baldacchino ppropona sistema addizzjonali ta` bejgh billi jitqabbdu nisa tad-dar fis-sales. Ghalkemm dawn ma kellhomx esperjenza kellhom jithallsu commission. Ir-rikorrent ma kienx jaqbel ma` dan

l-operat. F`Awissu 2005, telqu mill-kumpannija manager u xi salespersons u ghalhekk kien hemm zmien fejn ma kellhomx nies bizzejjed biex ikopru xi rotot. Ghalkemm ir-rikorrent informa lil Baldacchino li ma setghux ikomplu sejrin hekk, Baldacchino nsista li jkomplu b`dik is-sistema.

Xehed illi f`Ottobru 2005 huwa nforma lil Baldacchino li kien se jibqa` bhala mpjegat sa Dicembru 2005. Fil-fatt f`dak ix-xahar irritorna c-cwievet tal-ufficcju. Halla l-operat f`idejn Baldacchino bil-hsieb li MIMS tigi amalgamata ma` Prinz. MIMS baqghet topera u tigbor l-flus, u bdew isiru laqghat mal-awdituri biex tinsab soluzzjoni. F`Marzu 2006, ir-rikorrent importa xi prodotti tal-ikel ma` terzi u meta Baldacchino sar jaf b`dan, ir-relazzjoni ta` bejniethom bdiet tmur lura. Kemm hu kif ukoll Baldacchino kienu jithallsu commission ta` 2.5% tas-sales tal-kumpannija ; ma kienux jiehdu paga. Ir-rikorrent talab rendikont tal-kumpannija minn Baldacchino billi dan kien jiehu hsieb ta` l-amministrazzjoni. Ir-rikorrent stqarr illi huwa kien jiffirma c-cheques *in blank* u anke l-accounts ghaliex kien jafda lil Baldacchino.

Sostna li huwa qabbad lil Patrick Meli tad-ditta Lime Client Ltd bhala accountant sabiex f`ismu jigbor l-informazzjoni necessarja, izda ma sabx koperazzjoni la minn Baldacchino u lanqas mill-awdituri. Anzi dawn tal-ahhar infurmaw lil Patrick Meli li kellhom istruzzjonijiet biex ma jghaddux informazzjoni lir-rikorrent. L-awditur ta` MIMS huwa John Abela li huwa wkoll l-awditur tal-kumpanniji l-ohra ta` Baldacchino. Ir-rikorrent baqa` jattendi ghall-laqghat formali tal-Bord tad-Diretturi, flimkien ma` Baldacchino. F`wahda minn dawn il-laqghat, Baldacchino pprezenta xi dokumenti li kienu juru li Prinz kellha tiehu ammonti konsiderevoli ta` flus minghand MIMS. Dak il-hin ir-rikorrent irrimarka li kien hemm danni dovuti lil MIMS minn Prinz minhabba l-kwistjoni ta` x-xoghol difettuz u labelling hazin. Fl-ahhar laqgha tal-Bord tad-Diretturi, kien hemm qbil li MIMS tigi xjolta.

**Fil-kontroezami**, ir-rikorrent xehed li huwa ghadu direttur ta` MIMS. Huwa direttur ukoll ta` Jin Limited u ta` Fine Foods Limited, li twaqqfu fl-2006 u l-2008 rispettivament. Kien ukoll direttur ta` Sitfoods Limited li twaqqfet fl-2007. Fisser illi l-problemi ma` Baldacchino bdew fl-2005. Jistqarr li Baldacchino kien "moghmi" wara l-gharusa tieghu. Bdew isiru pagamenti u promozzjonijiet minn taht favur agenzija ta` reklamar li kellha l-gharusa tieghu. Inoltre Baldacchino kellu wkoll negozju gdid maghha. Cahad li l-kwistjoni tal-labelling tal-prodotti kellha impatt zghir fuq il-kumpannija. Fil-bidu Papadopoulos ma kenitx accettat il-problema ghaliex kienet diga` tibghat prodotti taghha fl-Ewropa. Kien biss wara hafna sforzi da parti tieghu illi

Papadopoulus accettat li tibdel il-labels skond id-direttiva tal-awtoritajiet Maltin. Hu u Baldacchino kienu jitkellmu kuljum dwar il-problema u gieli marru flimkien is-Sanita`. Bhala telf, minbarra bejgh ridott, kien hemm stocks li kellhom jintremew, stocks li nghataw lill-karita`, stocks li tnehhew mill-hwienet, u telf ta` reputazzjoni mal-klijenti.

**Alex Muscat** xehed illi huwa kien jahdem ma` MIMS bejn l-2002 u l-2005 l-ewwel bhala salesman u wara ftit zmien bhala manager. Meta sar manager kien responsabbili ghal erbgha (4) salesmen u kien idur l-hwienet maghhom. Jaf bil-problema tal-labelling tal-prodotti. Fis-sitt xhur qabel telaq hu, kienu telqu xi salesmen ghaliex ma kellhomx prodotti x`ibieghu. Xi 80% tal-portafoll tal-prodotti li kellhom ghall-bejgh kienu gallettini ; in-*nutrition information* li kien hemm fuq il-label ma kienx konformi mal-ligi. Il-prodotti kienu mpurtati mill-Grecja. Kien ir-rikorrent li sab tarf tal-problema. Ikkonferma li r-rikorrent kien id-direttur responsabbli mill-bejgh u mid-distribuzzjoni tal-prodotti, waqt li Michael Baldacchino kien id-direttur responsabbli mill-amministrazzjoni u l-kontijiet.

**Augustus Attard** xehed illi ghal habta tal-2000 kien ghamel xi sentejn jahdem ma` MIMS. Imbaghad waqaf ghal sena u beda jahdem ma` Prinz. Ma` MIMS, ix-xoghol tieghu kien ta` sales representative ; u kien idur il-hwienet. Ma` Prinz ghall-ewwel beda jahdem bhala *sales representative* u wara sar manager. MIMS u Prinz kienu joperaw mill-istess ufficju u mahzen. Jiftakar li kien hemm zmien meta MIMS kellha problema serja b`nuqqasijiet fil-labels tal-prodotti li damet ix-xhur u kellha impatt negattiv kbir fuq MIMS.

**Michael Baldacchino** xehed illi MIMS kienet tiddistribwixxi prodotti tal-ikel u confectionery ; il-fornituri taghha kienu Prinz u Carmelo Abela (Marketing) Limited fost ohrajn. Id-distribuzzjoni kienet mifruxa ma` supermarkets, hwienet tal-merca u confectioners madwar Malta u Ghawdex. Il-kumpannija waqfet topera fl-2006. L-azzjonisti huma Prinz u r-rikorrent. MIMS waqfet tahdem ghaliex kienet qed titlef hafna flus. Fl-ahhar tlett snin kellu argumenti mar-rikorrent dwar l-operat tieghu ghaliex kien fixkel il-kumpannija. L-ahhar *audited accounts* kienu dawk ghas-sena 2004. Wara dik is-sena, ghalkemm saru abbozzi tal-accounts, qatt ma gew iffirmati u approvati. MIMS ghamlet kawza kontra r-rikorrent, fejn qeghda ssostni li r-rikorrent kiser d-doveri tieghu bhala direttur. Xehed illi huwa jaqbel in principju li ma hemmx futur ghal MIMS, u li l-unika triq ghaliha hija li tigi xjolta, izda dan minghajr pregudizzju ghall-kawza li kienet pendenti.

**<u>Bhala prova fil-kawza tal-lum</u>**, **<u>Michael Baldacchino</u>** pprezenta affidavit li kien prezentat fil-kawza li MIMS mexxiet kontra r-rikorrent. F`dak l-affidavit huwa xehed illi hu u r-rikorrent huma diretturi ta` MIMS. L-ishma tal-kumpannija jappartjenu in kwantu ghal nofs lil Prinz u in kwantu ghan-nofs l-iehor lir-rikorrent. MIMS hija *sales and distribution company* u x-xoghol taghha jikkonsisti fil-bejgh u distribuzzjoni ta` galletini, prodotti tal-ikel u helu fi hwienet, confectionaries, supermarkets, grocers u hwienet simili. Xoghol ir-rikorrent fil-kumpannija kien illi jiehu hsieb s-sales u s-sales team, filwaqt li hu jiehu hsieb ix-xoghol tal-ufficcju.

Xehed illi huwa sar jaf lir-rikorrent fl-1998 meta kien laqqghu mieghu s-sales manager ta` Prinz. Ir-rikorrent accetta li jibda jahdem ma` Prinz bhala *sales person part-time* fuq bazi ta` commission. Ftit xhur wara, ir-rikorrent kien se jizzewweg u xtaq ikollu mpjieg *full-time.* Billi kienu anke saru hbieb, u r-rikorrent xtaq jidhol fin-negozju, huwa offra lir-rikorrent l-opportunita` li jwaqqfu *distribution company* flimkien. Ir-rikorrent accetta l-proposta. Billi ma kellux biex jinvesti, ir-rikorrent accetta li jaghmel garanzija bil-proprjeta` personali tieghu biex igibu overdraft ta` € 69,881.20 mill-bank. Min-naha tieghu Baldaccino kellu jissupplixxi merkanzija ghall-istess ammont biex ikunu jistghu jibdew in-negozju. Il-ftehim kien li fil-kumpannija Baldacchino kellu jiehu hsieb ix-xoghol amministrattiv filwaqt li r-rikorrent kellhu jiehu hsieb s-sales u s-salespersons. Skond il-ftehim ta` bejniethom il-paga ta` kull wiehed kellha tkun ta` 2.5% tal-bejgh li taghmel MIMS.

Qal illi billi r-rikorrent kien ibbazat hafna fuq barra, talab li jkollu l-uzu ta` vettura tal-kumpannija. U hekk sar. Il-kumpannija bidet topera fl-1999. Maz-zmien, billi kien jafda lir-rikorrent, beda jhallih jahdem fil-liberta` u anke decizjonijiet ta` kuljum beda johodhom wahdu, bhal kif iqassam il-granet biex idur mas-salesmen, il-prezzijiet tal-hwienet, il-kwantitajiet ta` ordnijiet, il-frekwenza tal-ordnijiet, ir-returns u *damaged goods* u affarijiet ohra. Ir-rikorrent xtaq jespandi aktar l-kumpannija izda minhabba l-fatt li ma kellux flus, Baldacchino mar ghand il-Bank of Valletta biex izid il-facilita` ta` Prinz minn €256,231.07 ghal €372,699.74 ; b`hekk setghet tixtri aktar prodotti biex tissupplixxi b`aktar merkanzija lis-socjeta intimata. Dan sar ghaliex mill-feedback li kien qed jaghtih ir-rikorrent, kien jidher li x-xoghol kien qed jizdied. Fl-2002, ir-rikorrent ried izid il-portfolio tal-prodotti. Ir-rikorrent ikkonvinca lix-xhud biex issellfu xi flus minghand familjari u minn terzi u anke mill-kumpannija tax-xhud stess. Dan is-self kien jammonta ghal €232,937.34. Ir-rikorrent ried li jzidu l-flotta tal-vetturi u jimpjegaw aktar nies. U hekk sar.

Fisser li ghalkemm il-kumpannija kienet investiet, il-bejgh ma kienx zdied. Baldacchino beda jinkwieta ghaliex l-ispejjez kienu aktar minn qabel. Kull meta kien ikellem lir-rikorrent dan kien jaghti stampa kompletament differenti mir-realta`. Baldacchino jghid li ma kienx kuntent b`dan u wara li kien ra x`kien qed jaghmel sewwa sew ir-rikorrent, induna li r-rikorrent kien inbidel, li kien telghalu ghal rasu, u li l-gurnata tieghu minflok fl-interess tal-kumpannija, kienet tkun ghall-interess personali tieghu u ghad-divertiment. Ghalkemm fix-xoghol taghhom salespersons nisa huma importanti hafna, Baldacchino kien wasal ghal decizjoni li ma jimpjegax nisa ghaliex ir-rikorrent minflok ikun koncentrat fuq ix-xoghol tieghu kien jaghmel "burdell minnhom".

Qal illi fl-2003 kellu jtemm l-impjieg ta` l-*storekeeper* ghaliex sab li kien hemm madwar €10,482.18 valur ta` merkanzija nieqsa. Ghalkemm ikkonfronta b`dan kemm lir-rikorrent kif ukoll lill-*storekeeper*, hadd minnhom accetta responsabbilita` u ghalhekk temm l-impjieg tal-*storekeeper*, u hatar minflok wiehed mix-xufiera. Din il-kwistjoni tal-merkanzija nieqsa baqghet sejra. L-*storekeeper* il-gdid inghata istruzzjonijiet biex jiehu nota ta` dak li kien qed jigri. Dan ta rendikont lil Baldacchino mnejn irrizulta li kull xahar kienu qeghdin jonqsu bejn €1,164.69 u €2,329.37 valur ta` merkanzija, li kienet qeghda titqassam b`xejn minghajr ricevuta fuq ordni tar-rikorrent. Ir-rikorrent cahad li hekk kien il-kaz.

Spjega li fil-bidu tal-2003, huwa mpjega *sales manager* ma` Prinz ghaliex kien innota li hafna mill-problemi li kien hemm fl-MIMS kienu qed jirriflettu hazin fuq Prinz. B`reazzjoni ghal dan, ir-rikorrent insista li jigi mpjegat *sales manager* ukoll ma` MIMS ; u hekk sar. Ghal Michael Baldacchino, dak kien prova ta` kemm ir-rikorrent ma riedx jahdem aktar ghaliex il-*management* tal-bejgh kien proprju wiehed mid-doveri tieghu. Fil-bidu kollox mar tajjeb bis-*sales manager* izda wara ftit xhur ir-rikorrent beda juza din il-persuna ghall-iskopijiet personali tieghu. Hekk gara wkoll bis-*sales manager* ta` Prinz. Minflok inbena team tajjeb ta` sales, dawn tkissru u Baldacchino ha decizjoni illi jerga jaqleb ghal *sales persons*.

Kompla jghid illi f`dan iz-zmien ukoll, ir-rikorrent insista biex isellef xi flus lil habib tieghu, certu Mohammed Amri ghaliex dan kien beda negozju fejn kien jimporta l-ghamara. Ix-xhud jghid li huwa nforma lir-rikorrent li ma setax jisilfu l-flus anke

ghaliex huma stess kellhom hafna dejn. Fil-fatt Baldacchino ma silfux, izda r-rikorrnt kien irrangalu xi haga ma` familjari tieghu. Wara ftit xhur ir-rikorrent rega` kellmu dwar dik il-persuna u qallu illi kien qed ibiegh *container* fix-xahar li jiswa €16,305.61 ghal €34,940.60. Kellu pero` problema ta` *cash flow* u biex jerga` jixtri l-merkanzija kellu jistenna tlett xhur. Wara li r-rikorrent baqa` jinsisti, ix-xhud jghid li minflok jisilfu l-flus ir-rikorrent hareg bl-idea illi jiffurmaw kumpannija ma` dik il-persuna u bl-investiment taghha tkun tista` topera regolari biex minflok profitt ta` €18,634.99 kull tlett xhur, ikun hemm profitti ta` €55,904.96 kull tlett xhur. Ghalhekk f`Awissu 2003, kienet iffurmat l-kumpannija Maclane Company Limited, liema kumpannija giet iffinanzjata mis-socjeta` intimata li nvestiet madwar €93,174.94 fiha, b`Mohammed Amri kellu jkun il-*managing director*.

Qal illi wara li ghaddew tlett xhur, induna li dak kollu li kien qallu r-rikorrent ma kien veru xejn ghaliex l-akbar bejgh li kellhom kien ta` € 11,646.87 fl-ewwel xahar, li baqa` jonqos xahar wara l-iehor. Baldacchino nduna wkoll li kienu qed jinbieghu affarijiet minghajr ricevuta u ghalhekk beda jissikka lil Mohammed Amir sabiex jiltaqghu u jaraw l-affarijiet. Wara li ghaddew madwar seba` xhur fl-ahhar iltaqghu u r-rizultat kien li kienu diga` tilfu madwar € 46,587.47. Ghalhekk is-socjeta` intimata tilfet l-investiment li kienet ghamlet fil-kumpannija l-gdida kollu tort tar-raggiri, gideb u negligenza tar-rikorrent.

Stqarr illi MIMS ippruvat tidhol fis-suq tal-prodotti organici. Investiet madwar € 39,599.35. Billi r-rikorrent ma ghamel xejn, il-progett lanqas beda u s-socjeta intimata tilfet dawn il-flus ukoll. Problema ohra li kellha s-socjeta intimata minhabba r-rikorrent kienet l-assikurazzjoni. Bhala kumpannija kien hemm assikurazzjoni wahda ghall-karozzi kollha tal-kumpannija. Izda r-rikorrent tant habat bil-karozza tieghu li l-assikurazzjoni ma rieditx tkompli tassikura l-vetturi ta` l-kumpannija u ghalhekk Baldacchino kellu jkellem assikurazzjonijiet ohra ; wara hafna sforz sab assikurazzjoni li accettat li taghti kopertura izda bil-hlas ta` premium hafna aktar oghli.

Dwar il-kwistjoni tal-labelling, xehed illi fl-2003 MIMS kellha problema mas-Sanita` dwar prodotti li kienet timporta mill-Grecja. Irrizulta li dawn il-prodotti kellhom zball kalligrafiku fl-ingredjenti u ghalhekk s-Sanita` waqqfulhom il-bejgh. Ghalkemm r-rikorrent qal mal-ewwel li kien se johodha f`idejh fil-fatt baqa` ma ghamel xejn. Il-problema damet tmien xhur biex tissolva fi zmien meta kompetituri taghhom kienu sab soluzzjoni fi ftit gimghat. Ir-rikorrent fil-fatt kien ghen wahda minn dawn il-kumpanniji li kienet irrangat il-problema f`xi xahar u nofs filwaqt li ghas-socjeta` ntimata dam x-

xhur. Il-kumpannija li ghen ir-rikorrent kienet dik li llum huwa nvolut maghha. Meta nqalghet il-problema ta` labelling il-kumpannija kienet kwazi wieqfa ghaliex ma setghux ibieghu kwazi nofs l-prodotti b`telf ta` madwar € 41,928.72.

Kompla jghid illi problema ohra li nqalghet kienet dwar il-prodotti Papadopoulos u De Cecco meta r-rikorrent u hu hargu bl-ideja illi tmien gimghat qabel ma tispicca l-levy irahhsu l-prodotti ghal prezzijiet minghajr levy sabiex ihajjru lill-konsumaturi jixtru dawk l-prodotti. Il-bejgh sar u d-domanda ghal aktar ordinijiet kienet wahda tajba. Pero` dan l-effett tajjeb tkisser ghaliex ir-rikorrent ma kienx jidhol ghax-xoghol u ghax ma kienx qed jigri wara s-*salespersons,* li bdew jittraskuraw ix-xoghol taghhom sakemm naqas il-bejgh tal-kumpannija. Il-konsegwenza kienet illi MIMS kellha tassorbi l-levy ta` €46,587.47.

Ighid li kien ghalhekk li fl-ahhar tal-2004 iddecieda li jitkellem dwar dawn il-problemi ma` Steve u Pierre Abela, diretturi ta` Carmelo Abela (Marketing) Ltd, li kienu hbieb kemm tar-rikorrent kif ukoll tieghu. Huma kienu diga konxji tal-problemi u qalu li kienu se jippruvaw jghinu. Izda l-problemi komplew u n-negozju baqa` jmur lura. Li kien jaghmel r-rikorrent huwa li meta hanut jaghtih ordni jibaghtlu d-doppju ta` dak l-ordni u ghalhekk ghalkemm fuq il-faccata kien qed jidher li kien qed isir il-bejgh dan fil-fatt ma kienx hekk ghaliex l-hwienet kienu jirritornaw dak li ma kienux ordnaw b`telf ghall-kumpannija. Sar jaf b`dan wara li telaq r-rikorrent ghaliex qabel kien jahbi l-mod kif imexxi. Minn stharrig li ghamel wara li r-rikorrent telaq, irrizulta li bejn l-2001 u l-2005, MIMS kienet tilfet madwar €293,370.60, minhabba prodotti li gew ritornati. Minbarra dan ir-rikorrent ghamel hafna spejjez bla bzonn, meta kien iqassam kontinwament prodotti b`xejn, jorganizza ikliet u sahansitra kera ajruplan privat.

Qal illi f`Awissu 2005, waqt li r-rikorrent kien ghal btala huwa baqa` l-ufficcju biex jipprepara pjan ta` kif setghet topera l-kumpannija b`anqas spejjez. Ghalkemm informa lir-rikorrent dwar dan l-pjan u jekk kienx lest li jerga` jidhol ghax-xoghol u jiehu l-affarijiet bis-serjeta`, ma gara xejn. Meta wasal Novembru tal-istess sena, ir-rikorrent qallu li kien iddecieda li jieqaf minn dak s-settur, li kien bi hsiebu jaghmel xi haga ghal rasu u li aktarx kellu xi negozju ghall-Libja. Huwa qal lir-rikorrent li kif kienu shab bin-nofs kellhom jaraw x`jaghmlu biex ihallsu d-djun tal-kumpannija u jerfghu l-piz flimkien. Bieghu xi vetturi u hallsu xi bilanci li kien fadlilhom ma` Michael Attard Limited.

Ighid illi fi Frar 2006, waqt laqgha mal-awdituri, ir-rikorrent qal li ma kienx qed jaqla` flus dak z-zmien ghalkemm gurata wara huwa sar jaf li r-rikorrent kien ircieva container gallettini. Dik l-ahbar ix-xhud hadha bi kbira ghaliex l-aktar prodotti li kienet tbiegh is-socjeta` ntimata kienu propju l-gallettini. Wara xi gimgha r-rikorrent sab il-bejgh tal-karrozza u ta` xi arloggi rolex. Meta cempel lir-rikorrent biex igib l-arloggi u l-vettura, ir-rikorrent beda jghidlu li kien se jisma` minghand l-avukat tieghu. Fil-fatt minn kuntatt li ghamel ma` Steve Abela rrizulta li r-rikorrent kien ilu jgib il-gallettini sa minn Settembru ta` qabel. Ghalkemm saru erba` laqghat tal-Bord tad-Diretturi ma waslu ghal ebda ftehim.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>**

Bl-ewwel eccezzjoni, l-intimata qeghda tghid illi abbazi tal-proviso tal-Art 218(1) tal-Kap 386, ir-rikorrent m`ghandux l-interess guridiku li jippromwovi din il-kawza Ghalhekk hija kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-rikors gie ntavolat minn Ivan Calleja li skond l-Memorandum of Association (Dok A) huwa hemm azzjonist u kemm Direttur. Ghalhekk r-rikorrent ghandu l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola din l-azzjoni.

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Av. Louis Cassar Pullicino, wara li ccita testwalment mill-Art 218(1) tal-Kap 386, ighid hekk dwar din l-eccezzjoni :-

*Illi t-talba tar-rikorrent li dina l-Qorti tordna x-xoljiment tal-kumpannija ntimata minhabba ragunijiet gravi bizzejjed tinkwadra ruhha fl-artikolu 214(2)(b) tal-Kap 386 u ghalhekk ma ghandu jkun hemm l-ebda dubbju illi a bazi ta` dak li huwa provdut fil-proviso tal-fuq citat artikolu 218(1) tal-Kap 386, l-azzjoni odjerna giet korrettement istitwita mir-rikorrent li jirrizulta li huwa kemm direttur kif ukoll*

*azzjonista tas-socjeta` intimata. Illi fic-cirkostanzi l-esponent jikkonkludi li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.*

Wara li l-Qorti rat id-disposizzjoni citata mill-intimata bhala l-bazi tal-ewwel eccezzjoni taghha, tikkondividi l-fehma tal-espert ghaliex hija ben fondata fil-fatt u fid-dritt. Il-Qorti qeghda taghmel taghha l-fehma tal-espert dwar l-infondatezza tal-ewwel eccezzjoni u ssostni li r-rikorrent ghandu l-interess rikjest mil-ligi biex imexxi b`din l-istanza.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

Bit-tieni eccezzjoni, l-intimata qeghda tghid illi fil-procediment ma hemmx integrita` ta` gudizzju ghaliex thallew barra Michael Baldacchino (li huwa d-direttur l-iehor tal-intimata) u Prinz International Limited (li hija l-azzjonista l-iehor tal-intimata).

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Av. Louis Cassar Pullicino ighid hekk dwar din l-eccezzjoni :-

*Illi dan il-punt gie trattat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "Joseph Portelli vs Roger Portelli et pro et noe" deciza fis-27 ta` April 1988 qabel ma dahal fis-sehh il-Kap 386 fi zmien meta socjetajiet kummercjali ta` kull tip kienu regolati bil-Commercial Partnerships Ordinance. Il-Qorti kienet iddecidiet illi f`kawza ghax-xoljiment ta` socjeta`*

*kummercjali il-legittimi kontraditturi kienu l-kumpannija nfisha u dawk l-azzjonisti l-ohra li ma kienux atturi li ppromwovew l-azzjoni …*

*Illi fil-Kap 386 pero` jidher illi l-legislatur ried li kull parti interessata jew involuta f`socjeta` kummercjali jkollha dritt awtomatiku li taghmel sottomissjonijiet lil Qorti f`kawza ta` xoljiment u stralc anke jekk mhux b`intervent formali. L-artikolu 218(2)(6) tal-Kap 386 jipprovdi illi :-*

*"The directors, the Company Secretary and every contributory and creditor of the Company shall be entitled to make submissions on the hearing of a winding up application made under this article."*

*Illi ghalhekk kemm id-direttur Michael Baldacchino kif ukoll l-azzjonista Prinz International Limited ghandhom dritt skond il-ligi li jaghmlu dawk is-sottomissjonijiet li jidhrilhom xierqa fil-kaz, haga li sal-lum ghadhom ma ghamlux b`mod dirett u formali ghalkemm ghandu jinghad ukoll illi l-interessi taghhom f`din il-kawza gew avvanzati certament u b`mod indirett bis-sahha tad-difiza li saret mis-socjeta` ntimata stess li taghha d-direttur Michael Baldacchino huwa d-direttur li ghandu r-rapprezentanza gudizzjarja taghha apparti l-fatt li huwa ghandu kontroll shih ta` Prinz International Limited.*

*Illi fic-cirkostanzi l-esponenti ma jidhirlux li l-interessi tad-direttur jew ta` l-azzjonista l-ohra gew b`xi mod ippregudikati bil-fatt illi ma gewx direttament mharrka fil-proceduri u fi kwalunkwe kaz huma ghandhom dritt li jaghmlu sottomissjonijiet kif hawn fuq spjegat. Fic-cirkostanzi it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` ntimata ghandha tigi michuda wkoll.*

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Jannar 2009 fil-kawza "**Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri**", din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/FS**) qalet illi f`kawza l-integrita` ta` gudizzju huwa mehtieg : 1) ghaliex huwa xieraq li dawk kollha li ghandhom interess fi kwistjoni ghandhom ikunu fil-kawza ; 2) ghaliex id-dhul ta' kull min għandu interess, jaghmel il-gudizzju iżjed effikaci, għaliex min mhux fil-gudizzju mhux marbut bih ; 3) ghaliex inaqqas il-htiega li jridu jinghataw għadd ta' sentenzi fuq l-istess każ. Jekk eccezzjoni ta` nuqqas ta` integrita` ta` gudizzju tigi akkolta ghandha l-effett li tehles lill-eccipjent milli jibqa` fil-kawza.

Fil-kaz tal-lum, qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-espert illi fil-kaz tal-lum bil-presenza wahedha bhala parti mharrka tal-kumpannija li taghha qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istralc, il-gudizzju huwa integru.

Bhall-espert, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm Michael Baldacchino ma kienx imharrek bhala direttur, huwa xorta wahda deher u ha parti attiva *di prima persona* fil-kawza biex jittutela l-interess tal-kumpannija intimata, u ndirettament anke tal-azzjonista Prinz International Limited li taghha l-istess Michael Baldacchino rrizulta li huwa l-*beneficial owner.*

Il-Qorti tirrileva illi l-unika persuna li l-ligi tesigi li ghandha tircievi kopja tar-rikors ghal stralc huwa r-Registratur tal-Kumpanniji ghall-fini ta` registrazzjoni, u r-rikors ghandu jintbaghat mir-Registratur tal-Qrati [ara l-Art 218(8) tal-Kap 386]. Fl-assenza ta` disposizzjoni cara *ad hoc* jista` jfisser li *stricto jure* lanqas il-kumpannija stess li taghha qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istalc m`ghandha ghalfejn tkun notifikata bir-rikors. Din il-Qorti m`hijiex pero` tal-fehma illi ghandha tigi adottata linja legalistika hekk stretta mbaghad fi procediment tant serju u gravuz ta` xoljiment u stralc. Il-Qorti tghid minn naha wahda illi l-presenza tal-kumpannija li taghha jkun qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istralc ghandha tkun parti fil-kawza sabiex tiddefendi l-interess taghha u sabiex jigi assikurat li ma ggarrab l-ebda pregudizzju ghaliex ma tkunx taf bil-procediment istitwit kontra taghha ; tista` tkun addirittura favur it-talba ghax-xoljiment u stralc ; tista` ma tkunx u allura f`dak il-kaz tiddefendi ruhha mit-talba, min-naha l-ohra ma tarax li sabiex il-gudizzju jkun integru ghandha tkun *sine qua non* l-partecipazzjoni bhala parti fil-kawza tad-diretturi tal-istess kumpannija jew tal-azzjonisti. Il-posizzjoni taghhom hija ben tutelata bl-Art 218(6) tal-Kap 386.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda tichad it-tieni eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Il-mertu</u>**

L-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimata jolqtu <u>direttament</u> il-mertu tat-talba tar-rikorrent.

<u>Dwar il-mertu</u>, l-espert ighid hekk *inter alia* fir-relazzjoni tieghu :-

… *ir-rikors promotur avvanzat mir-rikorrent huwa bazat fil-parti l-kbira tieghu fuq il-fatt illi s-socjeta` ntimata ilha zmien ma t opera fil-qasam kummercjali taghha tad-distribuzzjoni ta` prodotti tal-ikel, helu u xorb, kif ukoll in-nuqqas ta` nformazzjoni adegwata dwar l-istat finanzjarju tal-istess tal-istess socjeta` kummercjali kif ukoll l-allegat kunflitt ta` interess tad-direttur Michael Baldacchino, anke jekk l-ewwel talba dedotta per se mjijiex kwalifikata bl-ebda mod.*

… *hareg car il-fatt illi effettivament is-socjeta` ntimata M.I.M.S. Supplies Ltd hija wieqfa ghal kollox u l-ebda attivita` kummercjali ma qed issir minnha …*

… *il-Bord tad-Diretturi huwa kompost minn zewg diretturi – Ivan Calleja u Michael Baldacchino – bil-konsegwenza illi decizjonijiet fil-livell tal-bord tad-diretturi qed jigu stagnati ghal kollox. Illi l-istess sitwazzjoni tirrizulta fil-livell tal-azzjonisti fejn l-azzjonisti ghandhom azzjonijiet u drittijiet ta` vot ugwali hamsin fil-mija favur Ivan Calleja u hamsin fil-mija favur Prinz International Limited.*

… *il-kompitu ta` dina l-Qorti hu u jibqa` li tiddetermina jekk jezistux ragunijiet gravi bizzejjed sabiex jigi ordnat ix-xoljiment u stralc konsegwenzjali tas-socjeta` ntimata. Tifsira ta` "ragunijiet gravi bizzejjed" mhijiex provduta fil-Kap 386 u certament il-Qorti gahndha diskrezzjoni pjuttost wiesgha f`kawzi bhal dawn fejn trid necessarjament tqis il-fatti u cirkostanzi ta` l-kaz quddiemha. Fil-kawza "Maurice Camilleri et noe vs Frederick Frendo noe et noe" deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta` Lulju 2003 gie ritenut illi :-*

*" … is-sinjifikat ta` dan l-artikolu huwa car u jhalli diskrezzjoni wiesgha f`idejn il-Qorti biex tiddetermina jekk jezistux cirkostanzi li jistghu jitqiesu 'gravi bizzejjed' biex iwassluha li tiddeciedi favur ix-xoljiment ta` kumpannija. X`jikkostitwixxi 'ragunijiet gravi' l-ligi ma tghidilniex u ghalhekk dan irid jigi determinat mill-Qorti a bazi ta` l-apprezzament li hi taghmel tal-fatti kollha tal-kaz.'*

*Illi bla dubju ta` xejn, meta tavvera ruhha sitwazzjoni ta` 'deadlock' f`socjeta` kummercjali dina ghandha titqies bhala raguni gravi bizzejjed li ghandha twassal ghax-xoljiment tas-socjeta`. Fi kliem il-Professur Andrew Muscat – Modern Company Law (pagna 1022) :-*

*"A company would usually be in a 'deadlock' situation if it becomes impossible to manage its affairs because the voting power at board and general meetings is divided between two opposing groups. A deadlock situation typically arises where a company has two shareholders who are its only two directors and the shareholders hold an equal number of oting shares. If they disagree on major questions in respect of the management of the company, they may be unable to break the deadlock both at board meeting and at general meeting level. Management and other decisions vital to the company will the cease to be taken."*

*… l-esponent huwa tal-fehma li jezitu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex il-Qorti tipprocedi ghax-xoljiment u stralc konsegwenti. Din ir-raguni naturalment trid titqies ukoll fl-isfond tal-fatt illi l-attivita` kummercjali principali li ghaliha twaqqfet il-kumpannija – dik tal-bejgh u distribuzzjoni ta` prodotti ta` ikel, helu u xorb – hija wieqafa ghal kollox, oltre l-fatt ukoll illi skond ma jirrizulta mill-ahhar audited accounts ghas-sena finanzjarja li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2004 gie registrat telf ta` Lm 79,594.00, oltre l-fatt illi jezisti dejn konsiderevoli lill-kredituri tal-kumpannija.*

*… l-esponent ma jidhirlux li jkun prudenti li jippronunzja ruhhu dwar allegazzjonijiet ta` kunflitt ta` interess ta` direttur jew iehor meta dan jifforma propju l-mertu tta` kawza ohra pendenti.*

*… l-esponent huwa tal-umli fehma li dina l-Qorti ghandha tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti u kwindi ghandha tipprocedi sabiex :-*

*1. Tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` M.I.M.S. Supplies Limited minhabba ragunijiet gravi bizzejjed a tenur tal-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Tahtar stralcjarju ghas-socjeta` M.I.M.S. Supplies Limited.*

Din il-Qorti tikkondividi l-mod kif l-espert ittratta l-mertu tal-kwistjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. Taqbel ukoll mal-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. In aggunta ma` dak li ssottometta l-espert, din il-Qorti zzid tirrileva dan li gej :-

Ir-rikorrent qieghed jitlob ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ntimata abbazi tal-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386** u cioe` meta l-qorti tkun tal-fehma li hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali ta` kumpannija.

Is-sinjifikat ta` l-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386** huwa car. Ihalli lill-Qorti diskrezzjoni wiesa` sabiex tistabilixxi hi jekk fil-fehma taghha jirrizultawx fatti u cirkostanzi "**gravi bizzejjed**". Jekk tistabilixxi l-gravita`, allura minn hemm `il quddiem il-Qorti ma jibqghalhiex aktar diskrezzjoni u tkun obbligata (*ghandha*) taghmel id-dikjarazzjoni ta` xoljiment u konsegwenti stralc tal-kumpannija. Fil-Kap 386 ma hemmx tifsira ta` "ragunijiet gravi". Il-Qorti ghalhekk ma ghandha tiskarta xejn. M`ghandhiex tillimita l-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha ghal fatti jew cirkostanzi li jkunu sehhew sad-data tal-presentata tar-rikors izda ghandha taghti piz ukoll ghal kull ma jigri anke wara, sa ma tigi biex taghti d-decizjoni taghha.

Fl-**Art 122 tal-Insolvency Act 1986** tar-Renju Unit, hemm elenku tac-cirkostanzi fejn kumpannija tista` tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti. Disposizzjoni identika ghal taghna fl-**Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386** ma hemmx fl-Insolvency Act 1986. Il-wahda li tqarreb l-aktar lejha hija l-**Art 122(1)(g)** li tghid : *the court is of the opinion that it is just and equitable that the company should be wound up.*

Huwa evidenti anke mad-daqqa t`ghajn li d-disposizzjoni taghna hija aktar stretta fis-sens illi fil-kaz taghna l-Qorti xxolji u tistralcja meta fil-fehma taghha ikunu

jirrizultaw **ragunijiet gravi**, waqt li fil-ligi Ingliza, il-kriterju li fuqu l-Qorti trid tibni l-fehma taghha huwa dak tal-**gustizzja u l-ekwita`**. U l-istrettezza tad-disposizzjoni taghna taghmel hafna sens anke ghaliex jekk il-Qorti tesprimi l-fehma li hemm ragunijiet gravi hija **obbligata** tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija.

Dan premess, il-Qorti tghid li r-riferenza ghall-**Art 122(1)(g)** tal-Insolvency Act 1986 hija utili ghaliex il-linja li hadu l-Qrati Inglizi biex ighidu x`hinu *just and equitable* ghall-fini ta` *winding up* tghin biex tiftah tieqa lill-Qrati taghna ghall-interpretazzjoni ta` x`jistghu jkunu *ragunijiet gravi bizzejjed.*

Kull kaz ghandu l-istorja tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tibni l-fehma taghha fuq il-fatti u cirkostanzi ta` kull kaz.

Fil-kaz tal-lum irrizulta li r-rikorrent huwa direttur u azzjonista ta` nofs l-ishma tal-kumpannija ntimata, waqt li Michael Baldacchino huwa d-direttur l-iehor u l-*beneficial owner* tas-socjeta` li tippossjedi l-bqija tal-ishma tal-kumpannija ntimata. Irrizulta li minhabba cirkostanzi avversi fin-negozju, fosthom telf li mieghu gab id-dejn, tmexxija spregudikata u disgwid bejn id-diretturi, il-kumpannija ntimata waqfet ghal kollox milli topera fl-**2006**. L-ahhar *audited accounts* tal-intimata saru fl-**2004**. Matul is-snin kollha ta` wara sal-lum, jidher li kien abbozzati kontijiet pero` jirrizulta li qatt ma kienu approvati u ffirmati. Ghal din il-Qorti dan huwa nkwiet tassew ! Jirrizulta mir-rendikont finanzjarju tal-**2002** illi kien hemm profit ta` Lm 2,609 ; it-turnover kien qawwi. Fir-rendikont tal-**2003**, l-istampa qalbet ghall-aghar ghaliex irrizulta telf ta` Lm 46,301, bit-turnover jonqos sewwa. Fl-**2004**, it-telf kien ta` Lm 30,074 bit-turnover jonqos relattivament bi ftit.

Tenut kont ta` dak li ppremetta r-rikorrent fir-rikors promotur, il-Qorti sejra tqis dak li sostna Michael Baldacchino fejn, minghajr pregudizzju ghall-kawza li hemm pendenti mar-rikorrent, huwa ddikjara li kien qed jaccetta li ma kienx hemm futur ghall-intimata, u li l-unika triq ghaliha kienet ix-xoljiment. Fil-kaz tal-lum, l-inkwiet bejn id-diretturi tal-intimata huwa ben delineat mill-assjem tal-provi. Kull parti timputa l-htija ghad-disfatta lill-parti l-ohra. Waqt il-gbir tal-provi, issemma` minn kollox. Jekk tghodd kollox ma ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-intimata ma tistax tiehu l-hajja. Bhall-espert, u b`riferenza ghas-sitt eccezzjoni, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba

hemm kawza pendenti quddiem qorti ohra fejn sejra tkun mistharrga l-kondotta tar-rikorrent bhala direttur, mhux sejra tkun din il-Qorti li tidhol f`dak il-mertu. Li certament kompitu ta` din il-Qorti huwa li tara jekk abbazi tal-provi li tressqu fil-kawza tal-lum ghandhiex hi quddiemha fatti u cirkostanzi gravi bizzejjed li jwassluha biex tghid li ghandu jkun hemm ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija. Din il-Qorti m`ghandhiex tistenna l-esitu ta` dik il-kawza qabel tippronunzja ruhha fil-procediment tal-lum ; dak huwa procediment bil-binarji tieghu, dan huwa iehor, b`wiehed ma jiddependix fuq l-iehor sabiex ikun jista` jigi trattat u deciz. Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi fil-kaz tal-lum kien ippruvat ghas-sodisfazzjon taghha li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed biex tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija ntimata. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti sabet illi bejn azzjonisti b`ishma ndaqs fil-kumpannija ntimata, parita` li hija riflessa wkoll fl-ghadd tad-diretturi, tant kien hemm problemi u kwistjonijiet li - in sintesi jingabru fi sfiducja <u>assoluta</u> ta` wiehed fl-iehor - li wasslu *to a point of no return* fejn il-kumpannija oggettivament ma setghetx tibqa' topera. Id-dizgwid bejn id-diretturi, it-tmexxija spregudikata bi sparpaljar ta` flus, il-konflitti bejn l-interess personali tal-azzjonisti u dawk tal-kumpannija ntimata kellhom effett tant negattiv li l-intimata ngabet fuq irkoptejha u ma setghetx iddawwar ir-rota lejn il-posittiv. Iddur kemm iddur mal-fatti ta` dan il-kaz – kif del resto ghamel ben tajjeb l-espert – jirrizultaw "<u>ragunijiet gravi bizzejjed</u>" ghax-xoljiment u l-istralc tal-intimata. Fil-mod u l-manjiera kif svolgew il-fatti, u l-konsegwenzi li gabu maghhom, din il-Qorti hija konvinta minn fatt wiehed fic-cert : illi bejn id-diretturi u l-azzjonisti hemm *a breakdown in mutual confidence and trust* tant car u inekwivoku illi l-kumpannija intimata ma tistax tkompli bl-esistenza taghha.

**Fic-cirkostanzi il-Qorti sejra tapplika l-<u>Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386</u>.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**1) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kumpannija ntimata.**

**2) Tiddikjara li fil-fehma taghha hemm ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija M.I.M.S. Supplies Limited (C25336) skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**3) Tordna x-xoljiment tal-kumpannija M.I.M.S. Supplies Limited (C25336) skond l-Art 214(2)(b)(iii) tal-Kap 386 b`effett mil-lum kif ighid il-*proviso* tal-Art 223(1) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Tordna wkoll l-istralc tal-istess kumpannija.**

**4) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija M.I.M.S. Supplies Limited (C25336) bis-setghat u bid-dmirijiet li huma stabbiliti fil-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. Bla hsara ghall-generalita` ta` dawk is-setghat u dmirijiet –**

**(a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata, kif irid l-Art 226 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, jaghmel rapport lill-Qorti, kif irid l-Art 227 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**(b) jaghmel verifika ta` l-assi u tad-djun tal-kumpannija ntimata u, jekk ikun il-kaz, dwar il-gradwazzjoni tad-djun ;**

**(c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata, kif ighid u jrid l-Art 237 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;**

**(d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata ;**

**(e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi li fadal tal-kumpannija ntimata ;**

**(f) jipprezenta r-rapport mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mil-lum.**

**5) Tordna lill-kumpannija ntimata sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment sal-lum.**

**6) B`applikazzjoni tal-Art 236(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna li l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju tal-kumpannija ntimata u l-ispejjez l-ohra tal-istralc jithallsu *in solidum* mir-rikorrent u mill-kumpannija ntimata.**

**7) Thalli l-istralc ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 8 ta` Jannar 2015 fid-9.00 a.m.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------